MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 217/2009

**GO p.l.c – C22334**

**Vs**

**Andrew Lawrence Collins ID 29331A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta’ Marzu 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u erba` u hamsin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1054.72) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenut naqas u ma dehrx la fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' elf u erba` u hamsin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1054.72), bl-imghax legali kif mitlub fl-Avviz u bl-ispejjez ta' dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------